SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

7 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-76/06 P,

li għandha bħala suġġett appell skond l-Artikolu 56 ta' l-Istatut KE tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fis-7 ta' Frar 2006,

Britannia Alloys & Chemicals Ltd, stabbilita fi Gravesend (ir-Renju Unit), irrappreżentata minn S. Mobley u M. Commons, solicitors,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn F. Castillo de la Torre, bħala aġent, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President ta' l-Awla, E. Juhász, R. Silva de Lapuerta (Relatur), G. Arestis u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz ta' l-appell tagħha, Britannia Alloys & Chemicals Ltd (iktar 'il quddiem "Britannia") titolb l-annullament, minn naħa, tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tad-29 ta' Novembru 2005, Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-33/02, Ġabra p. II-4973, iktar 'il quddiem is-"sentenza kkontestata"), li biha ċaħdet l-appell tagħha magħmul kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/437/KE tal-11 ta' Diċembru 2001, fuq proċedura implementata skond l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża COMP/E-

1/37.027 — Fosfat taż-żingu) (ĠU 2003, L 153, p. 1 iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), u min-naħa l-oħra, ta' l-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni safejn tikkonċernaha.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 17

2 L-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 17 tal-Kunsill, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat (ĠU 1962, 13, p. 204), jipprovdi:

"1. Il-Kummissjoni tista' permezz ta' deċiżjoni timponi fuq l-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi multi minn 100 sa 5000 unità ta' rendikont fejn, intenzjonalment jew b' negliġenza:

[...]

b) dawn ifornu informazzjoni skorretta fir-rispost għat-talba magħmula skond l-Artikolu 11(3) jew (5) [...]

[...]

2. Il-Kummissjoni tista' permezz ta' deċiżjoni timponi fuq l-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi multi minn 1000 sa 1000000 unita` ta' rendikont, jew somma li taqbeż dan iżda li ma taqbiżx 10 % tat-turnover fis-sena ta' negozju preċedenti ta' kull impriża li tkun qed tipparteċipa fil-ksur fejn, jew intenzjonalment jew b' negliġenza:

a) dawn jiksru l-Artikolu [81](1) jew l-Artikolu [82] tat-Trattat [...]

[...]

Fl-iffissar ta' l-ammont tal-multa, għandhom jiġu kkonsidrati kemm il-gravita kif ukoll id-dewmien tal-ksur.

[...]"

Il-linji gwida

3 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA" (ĠU 1998, C 9, p. 3, iktar 'il quddiem il-"linji gwida") tgħid fil-preambolu tagħha:

"Il-prinċipji ndikati [...] għandhom jiżguraw t-trasparenza u l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, f'għajnejn kemm ta' l-impriżi kif ukoll tal-Qorti tal-

Ġustizzja, waqt li tinżamm id-diskrezzjoni li hi mogħtija lill-Kummissjoni skond il-leġislazzjoni rilevanti biex tistabbilixxi multi fil-limitu ta' 10 % tal-valur tal-bejgħ [fatturat] totali. Din id-diskrezzjoni għandha, mandankollu, issegwi politika koerenti u mhux diskriminatorja li hi konsistenti ma' l-għanijiet segwiti fil-penalizazzjoni talksur tar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

Il-metodu l-ġdid li jistabbilixxi l-ammont ta' multa se jkun ibbażat fuq ir-regoli li ġejjin, li jibdew minn ammont bażiku li jiżdied biex jieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi [aggravanti] jew imnaqqsa biex jieħdu f'konsiderazzjoni ċirkustanzi [attenwanti]."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

4 Fil-punti 1 da 10 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet sintesi tal-fatti li wasslu għall-kawża mressqa quddiemha fit-termini li ġejjin:

"1. Britannia [...], kumpannija rreġistrata skond il-liġi Ingliża, hija sussidjarja ta' M. I.M. Holdings Ltd (iktar 'il quddiem "MIM"), kumpannija rreġistrata skond illiġi Awstraljana. F'Ottubru 1993, Pasminco Europe (ISC Alloys) Ltd biegħet innegozju tagħha fis-settur taż-żingu lil MIM, li ttrasferiethom lil Brittania. Din l-impriża kienet tipproduċi u tbigħ prodotti bbażati fuq iż-żingu, inkluż il-fosfat taż-żingu. F'Marzu 1997, Trident Alloys Ltd (iktar 'il quddiem "Trident"), kumpannija awtonoma kkostitwita mill-amministrazzjoni ta' Britannia, xtrat in-

negozju ta' Britannia fis-settur taż-żingu għal 14 359 072 Lira Sterlina (GBP). Din ta' l-aħħar għadha teżisti bħala sussidjarja ta' MIM, imma waqqfet milli teżerċita kull attività ekonomika u għaldaqstant m'għandha ebda fatturat. [...]"

2. Għalkemm il-formuli kimiċi tagħhom jistgħu jvarjaw xi ftit, l-ortofosfati taż-żingu jikkostitwixxu prodott kimiku omoġenju, imsejjaħ bl-isem ġeneriku "fosfat taż-żingu". Il-fosfat taż-żingu, li jinkiseb mill-ossidu taż-żingu u mill-aċidu fosforiku, huwa ta' spiss użat bħala pigment minerali kontra l-korrużjoni fl-industrija taż-żebgħa. Huwa kkummerċjalizzat fis-suq kemm bħala fosfat taż-żingu standard, kif ukoll bħala fosfat taż-żingu mmodifikat jew "attivat".

3 Fl-2001 il-ħames produtturi Ewropej li ġejjin kellhom f'idejhom l-akbar parti tas-suq dinji tal-fosfat taż-żingu: Dr Hans Heubach GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "Heubach"), James M. Brown Ltd (iktar 'il quddiem "James Brown"), Société Nouvelle des Couleurs Zinciques SA (iktar 'il quddiem "SNCZ"), Trident (li qabel kienet Britannia) u Union Pigments AS (li qabel kienet Waardals AS) (iktar 'il quddiem "Union Pigments").

4 Fit-13 u l-14 ta' Mejju 1998, il-Kummissjoni pproċediet, simultanjament u mingħajr notifikazzjoni, għal verifiki fl-uffiċċji ta' Heubach, SNCZ u Trident, skond l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 17 [...].

5 Fil-11 ta' Diċembru 2001, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni [ikkontestata]. Id-deċiżjoni li ġiet ikkunsidrata għall-finijiet ta' din is-sentenza hija dik li ġiet innotifikata lill-impriżi kkonċernati u lil hija annessa mar-rikors [...].

6 Fid-deċiżjoni [ikkontestata], il-Kummissjoni tindika li akkordju li għaqqad lil Britannia (Trident sa mill-15 ta' Marzu 1997, Heubach, James Brown, SNCZ u Union Pigments eżista bejn l-24 ta' Marzu 1994 u t-13 ta' Mejju 1998. L-akkordju kien illimitat għall-fostat taż-żingu standard. Primarjament, il-membri ta' l-akkordju kienu stabbilixxew ftehim ta' tqassim tas-suq b'kwoti ta' bejgħ għall-produtturi. Fit-tieni lok, huma kienu ffissaw prezzijiet "minimi" jew "rakkomandati" f'kull laqgħa li kienu ġeneralment segwiti. Fit-tielet lok, kien hemm ukoll fih, sa ċertu punt, it-tqassim tal-klijenti.

7 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni [in kwistjoni] jgħid kif ġej:

"L-Artikolu 1

Britannia [...], Heubach [...], James [...] Brown, [is-SNCZ], Trident [...] u [Unioni Pigments] kisru d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 81(1) tat-Trattat u ta' l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE, billi pparteċipaw f'ftehim kontinwu u/jew f'prattika miftehma fis-settur tal-fosfat taż-żingu.

It-tul ta' żmien tal-ksur kien is-segwenti:

[...]

b) għal dak li jikkonċerna Britannia [...]: mill-24 ta' Marzu 1994 sal-15 ta' Marzu 1997.

[...]

L-Artikolu 3

Il-multi li ġejjin huma imposti għall-ksur previst fl-Artikolu 1:

a) Britannia [...]: 3.37 miljun EUR;

b) [...] Heubach [...]: 3.78 miljun EUR;

c) James [...] Brown [...]: 940 000 EUR;

d) [is-SNCZ]: 1.53 miljun EUR;

e) Trident [...]: 1.98 miljun EUR;

f) [Union Pigments]: 350 000 EUR.

[...]"

8 Għall-kalkolu ta' l-ammont tal-multi, il-Kummissjoni użat il-metodoloġija inkluża fil-linji gwida [...] u l-komunikazzjoni tat-18 ta' Lulju 1996 dwar in-non impożizzjoni ta' ammendi u t-tnaqqis ta' l-ammont tagħhom fil-kawżi li jirrigwardaw l-akkordji (ĠU C 207, 1996, p. 4, iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni").

9 Il-Kummissjoni mal-ewwel ikkunsidrat li l-ammont bażi xieraq għar-rikorrenti kien ta' 3,75 miljun EUR ([punt] 313 [tal-motivi] tad-deċiżjoni [in kwistjoni]). Sussegwentement, hija fakkret il-limitu li, skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, l-ammenda li għandha tiġi imposta fuq kull waħda mill-impriżi kkonċernati ma setgħetx tissupera. Għall-finijiet ta' l-iffissar tal-limitu ta' 10 % tal-fatturat magħmul matul is-sena ta' negozju preċedenti previst minn din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni, fil-każ tar-rikorrenti, "ikkunsidrat il-fatturat globali tagħha għas-sena ta' negozju li ntemmet fit-30 ta' Ġunju 1996, li jirrappreżenta l-figuri disponibbli l-iktar reċenti li jirriflettu sena sħiħa ta' attività normali" ([punt] 345 [...]). Peress illi dan il-fatturat kien ta' 55,7 miljun EUR ([punt] 50), l-għola limitu ta' l-ammenda kien ġie ffissat għal madwar 5,5 miljun EUR. Peress li l-ammont ta' l-ammenda qabel l-applikazzjoni tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni kien inqas minn dan il-limitu, il-Kummissjoni ma naqqsitux fuq dan il-bażi.

10 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tat lir-rikorrenti tnaqqis ta' 10 % skond il-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni ([punt] 366). L-ammont finali ta' l-ammenda imposta fuq ir-rikorrenti kien għaldaqstant ta' 3,37 miljun EUR ([punt] 370)."

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza kkontestata

5 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-21 ta' Frar 2002, Britannia ressqet rikors intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni in kwistjoni u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-multa imposta minn din id-deċiżjoni.

6 Permezz tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

7 Fl-appell tagħha, Britannia titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza kkontestata safejn tiċħad ir-rikors tagħha;

— tannulla l-Artikolu 3 ta' l-imsemmija deċiżjoni in kwistjoni safejn jikkonċernaha;

— sussidjarjament, temenda l-Artikolu 3 safejn jikkonċernaha, sabiex tannulla jew tnaqqas sostanzjalment l-ammont tal-multa imposta fuqha;

— sussidjarjament ukoll, li tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiddeċiedi skond il-punti ta' dritt irregolati mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— f'kull każ, tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk ta' Britannia relatati kemm mal-proċedura ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' l-appell.

8 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad parzjalment l-appell bħala inammissibbli jew, sussidjarjament, tiċħdu bħala mhux fondat;

— tordna lir-rikorrenti tbati l-ispejjeż.

Fuq l-appell

9 Bħala sostenn tat-talbiet tagħha, Britannia tinvoka, essenzjalment, tliet motivi bbażati, rispettivament, fuq ksur ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali u fuq ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur ta' l-Artikolu 15(2), tar-Regolament Nru 17

L-argumenti tal-partijiet

10 Permezz ta' l-ewwel motiv tagħha, Britannia ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt safejn iddeċidiet li, għad-determinazzjoni ta' l-ammont tal-

multa, il-Kummissjoni kienet korrettament applikat limitu ta' 10 % tal-fatturat għal dak imwettaq mill-imsemmija kumpannija matul għas-sena ta' negozju li ntemmet fit-30 ta' Ġunju 1996 minnflok il-fatturat tas-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni.

11 Britannia tqis li, minħabba l-fatt li ma' għamlitx fatturat matul is-sena ta' negozju immedjatament preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni, il-Kummissjoni setgħet timponi fuqha biss multa bejn 1 000 EUR u 1 000 000 EUR. B'konsegwenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet għamlet żball ta' dritt meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx marbuta li tirreferi għall-fatturat magħmul matul is-sena ta' negozju li ntemmet fit-30 ta' Ġunju 2001.

12 Britannia sostni li l-aġġettiv "preċedenti" li jinsab fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2), tar-Regolament Nru 17, jirreferi għas-sena finanzjarja sħiħa tat-tnax-il xahar l-iktar riċenti fir-rigward tad-data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni li timponi l-multa.

13 Hija ssostni li l-għan tal-limitu fir-rigward tal-fatturat, previst mill-imsemmija dispożizzjoni tar-Regolament Nru 17, jeħtieġ li dan il-limitu japplika għas-sena ta' negozju li tirrifletti l-importanza ekonomika ta' l-impriża kkonċernata fid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ikkunsidrat li, jekk impriża ma tkunx wettqet attivitajiet ekonomiċi matul is-sena ta' negozju preċedenti għal tali deċiżjoni, il-fatturat ta' dan il-perijodu ma jagħti l-ebda indikazzjoni fuq l-importanza ta' din l-impriża, u li, għaldaqstant, ma jistax iservi bħala l-bażi għall-iffissar tal-multa.

14 Britannia tirrileva li l-informazzjoni li tidher fil-kontijiet verifikati tagħha għas-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni, tirrifletti s-

sitwazzjoni finanzjarja tagħha fid-data li fiha ġiet imposta l-multa, jiġifieri fatturat ta' żero. Għaldaqstant, għad-determinazzjoni ta' l-ammont ta' dan, il-Kummissjoni ma tistax teżamina sena ta' negozju li fiha din il-kumpannija kellha attività ekonomika iktar sinjifikanti.

15 Il-Kummissjoni ssostni li, skond l-għan segwit mill-Artikolu 15(2), tar-Regolament Nru 17, il-premessa ta' raġunament tal-Qorti tal-Prim'Istanza hija bbażata fuq il-kunsiderazzjoni li tgħid li l-limitu fir-rigward tal-fatturat huwa applikabbli biss jekk l-impriża tilħaq tali fatturat matul is-sena ta' negozju preċedenti għad-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura amministrattiva.

16 Skond il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet li l-imsemmi limitu ma kienx applikabbli, peress illi ma kienx hemm fatturat għal dan l-aħħar sena ta' negozju u li, fil-każ fejn il-limitu ta' 10 % huwa intiż sabiex jirrefletti l-kapaċità finanzjarja ta' l-impriża kkonċernata, dan japplika fejn hemm fatturat li jista' jkun marbut miegħu.

17 Il-Kummissjoni tippreċiża li l-kundizzjoni li tapplika qabel l-applikazzjoni tal-limitu ta' 10 % hija l-eżistenza ta' fatturat. Fin-nuqqas ta' tali fatturat fis-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, ikun neċessarju li jinstabu indikaturi oħra sabiex jiġi evalwat l-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta.

18 Il-Kummissjoni żżid li l-evalwazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk fatturat ta' żero huwiex indikazzjoni valida tas-sitwazzjoni ekonomika ta' Britannia huma bbażati fuq element ta' fatt li ma jistax jiġi eżaminat mill-ġdid fil-kuntest ta' appell.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

19 Permezz ta' l-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' dritt f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "sena ta' negozju preċedenti" li jidher fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2), tar-Regolament Nru 17.

20 Għalhekk, id-diskussjoni bejn il-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tirrigwarda l-kwistjoni dwar kif il-Kummissjoni għandha tipproċedi għad-determinazzjoni tal-kunċett ta' "sena ta' negozju preċedenti" f'każijiet li fihom bidliet sustanzjali, fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika ta' l-impriża kkonċernata, saru fil-perijodu li fih twettaq il-ksur u d-data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi l-multa.

21 Fir-rigward ta' l-imsemmi kunċett, għandu jiġi rrilevat li jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti li, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dritt Komunitarju hemm lok li jiġu kkunsidrati mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti trid tilħaq (ara s-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW *et*, C 17/03, Ġabra p. I-4983, punt 41, u ta' l-1 ta' Marzu 2007, Jan De Nul, C 391/05, Ġabra p. I-1793, punt 20).

22 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, l-Artikolu 15(2), tar-Regolament Nru 17 għandhu bħala għan li jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li timponi multi sabiex tkun tista' twettaq il-missjoni ta' sorveljanza li ġiet mogħtija lilha mid-dritt Komunitarju (ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 105). Din il-missjoni tinkludi b'mod partikolari d-dmirijiet li jitwaqqaf l-aġir illegali kif ukoll li l-prevenzjoni li jerġa' jitwettaq (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni, 41/69, Ġabra p. 661, punt 173).

23 Għandu jingħad ukoll li, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2), tar-Regolament Nru 17, il-Kummissjoni hija mitluba tikkunsidra l-gravità u d-dewmien tal-ksur ikkonċernat.

24 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-limitu fir-rigward tal-fatturat previst fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2), tar-Regolament Nru 17 huwa intiż li jevita li l-multi imposti mill-Kummissjoni jkunu sproporzjonati fid-dawl ta' l-importanza ta' l-impriża kkonċernata (sentenza Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 119).

25 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet ta' qabel li, sabiex jiġi ddeterminat il-kunċett ta' "sena ta' negozju preċedenti", il-Kummissjoni għandha tevalwa, f'kull każ u fid-dawl tal-kuntest kif ukoll ta' l-għanijiet segwiti mis-sistema tal-penali stabbiliti mir-Regolament Nru 17, l-impatt imfittex fuq l-impriża kkonċernata, b'mod partikolari, b'kunsiderazzjoni ta' fatturat li jirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika reali tagħha waqt il-kors tal-perijodu li fih twettaq il-ksur.

26 Billi kkunsidrat tali kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punti 38 u 48 tas-sentenza kkontestata, li l-kalkolu tal-limitu tal-multa jimplika mhux biss li l-Kummissjoni għandha fil-pussess tagħha fatturat għall-aħħar sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni, iżda wkoll informazzjoni li tikkorrispondi għal eżerċizzju komplet ta' attività ekonomika normali matul perijodu ta' tnax-il xahar.

27 Minbarra dan, fil-punti 39 u 49 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza evokat ċertu numru ta' sitwazzjonijiet partikolari sabiex turi l-fatt li l-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tirrikorri għall-fatturat imwettaq matul sena finanzjarja kompluta ta' attivitajiet normali għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15(2), tar-Regolament Nru 17.

28 Fil-fatt, jekk l-argument tar-rikorrenti jintlaqa', iwassal għal interpretazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, li jgħid, fil-każ fejn ma jitwettaq l-ebda fatturat fis-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, din ta' l-aħħar tkun marbuta li tapplika biss l-ewwel parti ta' dan is-subparagrafu, peress li l-limitu msemmi fit-tieni parti ta' dan l-istess subparagrafu ma jistax ikun marbut ma' fatturat.

29 Madankollu, din l-interptretazzjoni tonqos milli tirkonoxxi mhux biss il-portata tas-setgħat li għandha l-Kummissjoni fir-rigward ta' l-imsemmi Artikolu 15(2), iżda wkoll il-fatt li, f'ċerti sitwazzjonijiet, il-fatturat tas-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma jagħti l-ebda indikazzjoni utli fuq is-sitwazzjoni ekonomika reali ta' l-impriża kkonċernata u l-livell xieraq tal-multa li għandha tiġi imposta.

30 Konsegwentement, meta, bħal fil-kawża preżenti, l-impriża kkonċernata ma tkun wettqet l-ebda fatturat matul is-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, din ta' l-aħħar hija awtorizzata tirreferi għal sena ta' negozju oħra sabiex tkun f'pożizzjoni li tevalwa korrettament ir-riżorsi finanzjarji ta' din l-impriża u li tassigura li l-multa jkollha effett dissważiv suffiċjenti.

31 Hemm lok li jingħad ukoll li, kif ifakkar l-Avukat Ġenerali fil-punt 74 tal-konklużjonijiet tiegħu u kif ukoll ġustament iddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 40 tas-sentenza kkontestata, id-determinazzjoni tal-limitu tal-multa ma tiddependix minn sempliċi kwistjoni ta' għażla bejn iż-żewġ possibbiltajiet previsti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, jiġifieri bejn multa ta' mhux iktar minn miljun EUR u limitu ffissat b'riferiment għall-fatturat ta' l-impriża kkonċernata.

32 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqet l-ebda żball ta' dritt meta ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet tirreferi, fl-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, għall-aħħar sena ta' negozju sħiħa preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni, jiġifieri s-sena finanzjarja li għalqet fit-30 ta' Ġunju 1996.

33 Għaldaqstant, l-ewwel motiv invokat minn Britannia in sostenn ta' l-appell tagħha għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali

34 Dan il-motiv għandu żewġ partijiet.

Fuq l-ewwel parti tat-tieni motiv

— L-argumenti tal-partijiet

35 Permezz ta' l-ewwel parti tat-tieni motiv tagħha, Britannia ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali meta ċaħdet l-appell, peress li, fid-deċiżjoni in kwistjoni, il-limitu ta' 10 % huwa applikat għall-aħħar sena ta' negozju li fih din il-kumpannija ġiet ikkunsidrata mill-Kummissjoni bħala li kellha "attività ekonomika normali", u li, fil-każ ta' impriżi oħra li pparteċipaw għall-akkordju, hija s-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni li ġiet ikkunsidrata.

36 Britannia ssostni li l-applikazzjoni tal-limitu relatat mal-fatturat għas-sena ta' negozju differenti minn dak preċedenti għad-deċiżjoni in kwistjoni tinterpreta b'mod żbaljat is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha fid-data ta' adozzjoni ta' din id-deċiżjoni. Issa sabiex tiggarantixxi r-rispett tal-prinċipju ta' trattament ugwali, il-Kummissjoni kellha tapplika l-limitu previst fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15 (2) tar-Regolament Nru 17 għas-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni ta' l-imsemmija deċiżjoni lill-impriżi kkonċernati kollha.

37 Britannia ssostni li, kuntrarjament għall-evalwazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-fatturat tagħha ta' żero matul l-imsemmija sena ta' negozju hija riflessjoni eżatta tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha għall-perijodu li matulu twettaq il-ksur.

38 Il-Kummissjoni tirrileva li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li r-rikorrenti tinsab f'sitwazzjoni differenti minn dik taż-żewġ impriżi l-oħra li ppartċipaw għall-akkordju, peress li l-limitu ta' 10 % previst fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 kien applikabbli għal dawn l-impriżi. Fil-fatt, dawn ta' l-aħħar wettqu fatturat matul is-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni, li jikkostitwixxi indikazzjoni ta' min joqgħod fuqha tas-sitwazzjoni ekonomika tagħhom.

39 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikorrenti ma tallegax li hija kienet fl-istess sitwazzjoni ta' l-imsemmija impriżi, iżda sempliċiment li l-fatturat tagħha ta' żero matul l-imsemmija sena ta' negozju kienet tirrefletti b'mod preċiż is-sitwazzjoni ekonomika tagħha f'dak iż-żmien. Issa, tali argument iqiegħed in kwistjoni kostatazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

40 Jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li l-prinċipju ta' trattament ugwali huwa miksur biss f'sitwazzjonijiet li huma simili iżda jiġu ttrattati b'mod differenti jew f'sitwazzjonijiet differenti li huma ttrattati b'mod identiku, sakemm dan it-trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C- 344/04, Ġabra p. I-403, punt 95).

41 F'dak li jirrigwarda l-kawża preżenti, għandu jiġi mfakkar li ż-żewġ impriżi msemmija mill-argument ta' Britannia għadhom jeżerċitaw attività kummerċjali fis-suq li kien is-suġġett ta' akkordju meta l-Kummissjoni kienet adottat id-deċiżjoni in kwistjoni. Il-fatturat tagħhom, matul is-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tagħha, ippermetta għaldaqstant lill-Kummissjoni tevalwa r-riżorsi finanzjarji ta' dawn l-impriżi u tiddetermina s-sitwazzjoni ekonomika tagħhom.

42 Min-naħa l-oħra, tali evalwazzjoni ma kinitx possibbli fil-każ ta' Britannia. Huwa fil-fatt stabbilit li din ta' l-aħħar, fid-data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni, kienet tinsab f'sitwazzjoni kompletament differenti minn dik taż-żewġ impriżi l-oħra li pparteċipaw fl-akkordju.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet fil-punti 61 sa 63 tas-sentenza kkontestata, li l-Kummissjoni kienet aġixxiet b'mod korrett meta applikat għar-rikorrenti trattament differenti minn dak irriżervat għall-imsemmija impriżi, peress li dawn ta' l-aħħar kienu għadhom attivi u l-fatturat tagħhom magħmul matul is-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni kien indikazzjoni affidabbli tas-sitwazzjoni ekonomika tagħhom.

44 Għandu jingħad ukoll li, fil-kuntest tal-kalkolu tal-multi imposti skond l-Artikolu 15 (2) tar-Regolament Nru 17, li trattament differenti bejn l-impriżi kkonċernati huwa parti mid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni skond din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, il-Kummissjoni hija msejħa tindividwalizza l-penali fir-rigward ta' l-aġir u l-karatteristiċi partikolari għall-impriżi kkonċernati, sabiex tiggarantixxi, f'kull każ, l-effikaċja sħiha tar-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2006, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-308/04 P, Ġabra p. I-5977, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Għalhekk l-ewwel parti tat-tieni motiv ma tistax tiġi milqugħa.

Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv

— L-argumenti tal-partijiet

46 Permezz tat-tieni parti tat-tieni motiv tagħha, Britannia ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali meta ċaħdet ir-rikors, filwaqt li d-deċiżjoni in kwistjoni, safejn tistabbilixxi s-sena ta' negozju li għaliha l-limitu ta' 10 % huwa applikabbli, mhijiex konformi mal-prassi amministrattiva preċedenti f'kawżi simili.

47 Britannia ssostni li, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-Kummissjoni hija awtorizzata li ma ssegwix il-prassi preċedenti tagħha f'dan il-qasam, peress illi s-sitwazzjoni ta' din l-impriża ma setgħetx titqabbel ma' dik ta' kawżi oħra li fihom ġew imposti multi fuq l-impriżi kkonċernati.

48 In sostenn ta' din it-tieni parti tat-tieni motiv, Britannia tagħmel referenza għal tliet tipi ta' sitwazzjonijiet.

49 Fl-ewwel lok, hija ssostni li s-sitwazzjoni tagħha hija simili għal dik tal-kawżi li fihom impriża implikata f'akkordju kienet ittrasferiet l-attivitajiet tagħha f'entità kummerċjali oħra, filwaqt li kompliet teżisti.

50 Fit-tieni lok, Britannia tikkunsidra li hija ġiet ittrattata b'mod diskriminatorju meta mqabbla ma' impriżi oħra li kellhom tnaqqis fil-fatturat tagħhom.

51 Fit-tielet lok, Britannia ssostni li hija ma rċivietx l-istess trattament ta' impriża li kienet is-suġġett tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/271/KE tad-9 ta' Diċembru 1998, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu [81] tat-Trattat KE (IV/34.466 – Bastimenti tal-ġarr Griegi) (ĠU 1999, L 109, p. 24).

52 Fuq dan l-aħħar punt, Britannia tirrileva li l-imsemmija impriża rtirat mis-suq qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Peress li l-fatturat ta' din l-impriża għassena ta' negozju preċedenti ma kienx disponibbli, il-Kummissjoni invokat l-ewwel parti ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 sabiex timponi fuqha multa ta' miljun EUR. B'konsegwenza, Britannia ma kellhiex issib ruħha f'sitwazzjoni inqas vantaġġjuża minn dik ta' din l-impriża.

53 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjoni tar-rikorrenti setgħetx titqabbel jew le ma' dik ta' impriżi oħra li kienu s-suġġett ta' deċiżjonijiet preċedenti tikkostitwixxi kwistjoni ta' fatt li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza kkontestata u li, b'konsegwenza, ma tistax tiġi eżaminata mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

54 Fir-rigward ta' l-ewwel argument ibbażat fuq trasferiment ta' attivitajiet, il-Kummissjoni tirrileva li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li r-rikorrenti ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni li tista' titqabbel ma' dik ta' impriżi oħra kkonċernati minn deċiżjonijiet preċedenti, peress li, kuntrarjament għal dawn l-impriżi, Britannia ma kienet għamlet l-ebda fatturat fis-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni.

55 F'dak li jirrigwarda t-tieni argument skond liema Britannia ma rċevietx l-istess trattament bħall-impriżi oħra li l-fatturat tagħhom kien tnaqqas, il-Kummissjoni tenfasizza li dan qatt ma ġie invokat mir-rikorrenti matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

56 Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet argument, ibbażat fuq id-Deċiżjoni 1999/271, il-Kummissjoni tfakkar li dan ġie miċħud mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Fil-fatt il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma setgħetx isservi bħala qafas ġuridiku għall-iffissar tal-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni, peress li din hija definita biss mill-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17. B'konsegwenza, interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni f'kawża preċedenti għall-benefiċċju ta' impriża partikolari ma tistax tikkostitwixxi element ġuridiku ta' natura li jistabbilixxi l-obbligu li jingħata l-istess trattament lil impriża oħra f'kawża sussegwenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

57 Għandu jiġi mfakkar li, kif ukoll ntqal fil-44 tal-kawża preżenti, għall-kalkolu tal-multi imposti fuq impriżi li ppartećipaw f'akkordju, it-trattament differenti ta' dawn l-impriżi huwa parti mis-setgħa ta' diskrezzjoni li tgawdi l-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

58 Fir-rigward ta' l-ewwel żewġ argumenti invokati minn Britannia, skond liema l-Kummissjoni ma segwietx prassi amministrattiva preċedenti, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Prim'Istanza , fil-punt 61 tas-sentenza kkontestata, iddeċidiet li r-rikorrenti ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni li tista' titqabbel ma' dik ta' l-impriżi msemmija fid-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, peress li ma wettqet ebda fatturat matul is-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament ikkonkludiet fil-punt 61, li l-Kummissjoni kellha kull bażi sabiex tapplika trattament differenti lil Britannia minn dak irriżervat għal dawn l-impriżi l-oħra.

60 Fir-rigward ta' l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq id-Deċiżjoni 1999/271, għandu jiġi kkonstatat ukoll li, għalkemm is-sitwazzjoni ta' l-impriża msemmija f'din id-deċiżjoni tersaq lejn dik ta' Britannia, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ġiet imfakkra fil-punti 201 u 205 tas-sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, JCB Service vs Il-Kummissjoni (C-167/04 P, Ġabra p. I–8935), li prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni ma tistax isservi bħala qafas ġuridiku għal multi fil-qasam tal-kompetizzjoni u li d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-kawżi l-oħra jagħtu biss indikazzjoni f'dak li jirrigwarda l-eżistenza possibbli ta' diskriminazzjoni, peress li huwa ftit probabbli li ċ-ċirkustanzi proprji għalihom, bħas-swieq, il-prodotti, l-impriżi u l-perijodi kkonċernati jkunu identiċi.

61 Għandu jingħad ukoll li l-impriżi involuti fi proċedura amministrattiva li tista' tagħti lok għal multa minħabba ksur tar-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni ma jistgħux jiksbu aspettattivi leġittimi la mill-fatt li l-Kummissjoni ma taqbiżx il-livell ta' multi applikati preċedentement u lanqas fil-metodu tal-kalkolu tal-multi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat b'mod partikolari f'dan ir-rigward li, l-imsemmija impriżi għandhom għaldaqstant jieħdu in kunsiderazzjoni l-possibbiltà li, f'kull mument, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tgħolli l-livell ta' l-ammont ta' l-ammendi meta mqabbel ma dak applikat fil-passat (ara s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C 189/02 P, C 202/02 P, C-205/02 P sa C 208/02 P u C 213/02 P, Ġabra p. I-5425, punti 228 u 229).

62 B'kunsiderazzjoni ta' l-elementi preċedenti kollha, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqitx żball ta' dritt meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' trattament ugwali meta ffissat is-sena ta' negozju li għaliha l-limitu ta' 10 % huwa applikabbli.

63 B'konsegwenza, it-tieni parti tat-tieni motiv ma tistax tiġi milqugħa.

64 Għaldaqstant, it-tieni motiv invokat minn Britannia in sostenn ta' l-appell tagħha għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali

65 It-tielet motiv invokat minn Britannia in sosten ta' l-appell tagħha jinkludi wkoll żewġ partijiet.

Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv

— L-argumenti tal-partijiet

66 Permezz ta' l-ewwel parti tat-tielet motiv tagħha, Britannia ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju taċ-ċertezza legali meta ċaħdet ir-rikors, peress li, fid-deċiżjoni in kwistjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat sena ta' negozju li ma kinitx dik preċedenti għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni sabiex tiffissa l-limitu relatat mal-fatturat previst fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17.

67 Iktar preċiżament, Britannia ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt meta ddeċidiet li l-fatt li l-Kummissjoni ma kkunsidratx il-kliem ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u kkunsidrat sena ta' negozju li ma kinitx dik preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni ma kienx ikkostitwixxa ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali.

68 Britannia ssostni li ma kienx prevedibbli li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni tirreferi għal sena oħra barra dik ta' l-imsemmija sena ta' negozju. Fuq dan il-punt, l-approċċ tal-Qorti tal-Prim'Istanza toħloq inċertezza legali importanti peress li jkun impossibbli għall-impriżi milquta minn investigazzjoni tal-Kummissjoni li jiddeterminaw is-sena ta' referenza rilevanti għad-determinazzjoni tal-limitu tal-multa.

69 Britannia żżid li l-uniku mod sabiex tiġi ggarantita prassi amministrattiva koerenti u prevedibbli tikkonsisti fl-applikazzjoni tal-limitu previst fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 għas-sena ta' negozju preċedenti għall-

adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fiċ-ċirkustanzi kollha, anki jekk tali interpretazzjoni twassal għall-applikazzjoni tal-limitu previst għal din id-dispożizzjoni lill-fatturat ta' żero.

70 Il-Kummissjoni tqis li l-interpretazzjoni tagħha ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 hija prevedibbli, peress li l-limitu ffissat f'din id-dispożizzjoni japplika għall-fatturat magħmul fis-sena ta' negozju preċedenti għad-deċiżjoni li tagħlaq il-fażi amministrattiva u li r-rikorrenti tkun għadha m'għamlitx il-fatturat matul ta' tali sena ta' negozju.

71 Il-Kummissjoni ssostni li l-kunċett ta' prevedibbiltà tal-multi jfisser li l-impriżi għandhom ikunu f'pożizzjoni li jevalwaw il-konsegwenzi ta' l-atti tagħhom qabel ma jwettquhom. Fil-każ preżenti, meta r-rikorrenti ddeċidiet li twettaq il-ksur, il-fatturat tagħha ma kienx differenti ħafna għal dak użat għall-kalkolu tal-limitu ta' 10 %, jiġifieri 55.7 miljun EUR għas-sena li ntemmet fix-xahar ta' Ġunju tas-sena 1996.

72 Il-Kummissjoni tikkonkludi li, matul il-perijodu li matulu l-ksur akkużat kien twettaq, Britannia setgħet tissopponi li, kieku kellha tinqabad u teħel piena immedjatament, kien ikollha tħallas multa ta' madwar 5.5 miljun EUR.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

73 Għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' l-argument tagħha, Britannia tipproċedi, essenzjalment, għal ifformular mill-ġdid ta' l-argumenti kollha ppreżentati in sostenn ta' l-ewwel motiv li jsostni l-appell preżenti, ibbażat fuq ksur ta' l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17.

74 Għaldaqstant, fil-każ fejn jirriżulta mill-punt 32 tas-sentenza preżenti li dan l-ewwel motiv mhuwiex fondat, l-argumenti mressqa mir-rikorrenti in sostenn ta' l-ewwel parti tat-tielet motiv tagħha huma wkoll mhux fondati.

75 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tielet motiv ma tistax tiġi milqugħa.

Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv

— L-argumenti tal-partijiet

76 Permezz tat-tieni parti tat-tielet motiv tagħha, Britannia ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt meta ċaħdet ir-rikors, peress li d-deċiżjoni in kwistjoni tikser drittijiet fundamentali. Fil-fatt, fil-qasam tas-sanzjonijiet ta' natura penali, iċ-ċertezza legali hija dritt fundamentali stabbilit mill-Artikolu 7(1), tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, kif ukoll mill-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni, iddikjarata fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza (ĠU C 364, p. 1).

77 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti tat-tielet motiv hija ġdida u għaldaqstant ma tqajmitx quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

78 Il-Kummissjoni żżid li, bħall-fatturat ta' Britannia matul il-perijodu li fih twettaq il-ksur, jiġifieri matul is-snin 1994 sa 1997, kien ta' madwar 55 miljun EUR, din l-impriża setgħet tistenna multa massima ta' EUR 5.5 miljun EUR kieku l-akkordju

kien ġie skopert. Bħal ma Brittania ma kinitx fil-pożizzjoni sabiex tkun taf il-fatturat tagħha għas-sena ta' negozju preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni in kwistjoni, hija ma tistax tistenna multa b'ammont preċiż.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

79 Għandu jiġi mfakkar li l-prinċipju taċ-ċertezza legali jeħtieġ li r-regoli tad-dritt Komunitarju jkunu ċari u preċiżi sabiex il-persuni interessati jkunu jistgħu jidderieġu ruħhom f'sitwazzjonijiet u relazzjonijiet legali li huma parti mis-sistema ġuridika Komunitajra (ara s-sentenza tal-15 ta' Frar 1996, Duff *et*, C 63/93, Ġabra p. I-569, punt 20).

80 F'dak li jirrigwarda r-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 70 tas-sentenza kkontestata, fakkret li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-implementazzjoni ta' dawn ir-regoli, b'mod partikolari r-Regolament Nru 17 u l-linji gwida, jippemettu lill-impriżi jipprevedu b'ċertezza l-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw minn ksur ta' l-imsemmija regoli.

81 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet fil-punt 73 tas-sentenza kkontestata li l-prinċipju taċ-ċertezza legali ma jistax jagħti lir-rikorrenti l-garanzija li l-waqfien ta' l-attivitajiet kummerċjali tagħha fis-settur taż-żingu jkollu bħala konsegwenza li tkun tista' tevita l-impożizzjoni ta' multa għall-ksur imwettaq. Fil-fatt, Britannia kienet perfettament fil-pożizzjoni tipprevedi li kienet ser tiġi imposta multa fuqha, fil-każ fejn il-ksur tar-regoli dwar il-kompetizzjoni li hija kienet wettqet kien evidenti, u li din il-multa ġiet iddeterminata mhux biss fid-dawl tal-gravità u tad-dewmien ta' dan il-ksur, iżda wkoll minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari ta' l-imsemmija impriża.

82 Britannia ma tinvoka ebda argument u lanqas element ieħor ta' natura li jistabbilixxi li l-evalwazzjoni li saret mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 73 tas-sentenza kkontestata hija vvizzjata bi żball fid-dritt.

83 Barra minn hekk, fir-rigward tas-setgħa ta' diskrezzjoni li tiddisponi minnha l-Kummissjoni f'dan il-qasam, impriża li tkun ipparteċipat f'akkordju ma tistax tikseb ċertezza fir-rigward ta' l-ammont tal-multa li tista' tiġi imposta fuqha mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 17.

84 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li Britannia ma kinitx f'pożizzjoni li tkun taf minn qabel is-sena ta' referenza rilevanti għad-determinazzjoni tal-limitu tal-multa ma jikkostitwixxix, minnu nnifsu, ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

85 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tielet motiv ma tistax tiġi milqugħa.

86 Konsegwentement, it-tielet motiv invokat minn Britannia in sostenn ta' l-appell tagħha għandu jiġi miċħud.

87 Jirriżulta minn dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

88 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skond l-Artikolu 118 ta' l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li Brittania tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Britannia Alloys & Chemicals Ltd hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Firem